# L-imħatra (Kitba ta' Matteo Farrugia 7Q)

Kienet lejla xitwija b'kesħa xxoqq il-għadam, ix-xita kienet nieżla qliel u Mark kien dam xi ftit aktar mis-soltu jlablab ġol-ħanut ta' Pietru ma' sieħbu l-gwardjan tal-ħabs u xi ħbieb oħra. Meta mar lejn id-dar ma kienx waħdu, għax kien legleg xi qatra aktar mis-soltu.

Fetaħ il-bieb, daħal, sab lil Katrina mgeddsa tajjeb fis-sodda; neża' f'radda ta' salib u nxteħet fin-naħa tiegħu, u dlonk daħal fl-isbaħ nagħsa. Ma damx rieqed ħafna għax Katrina qajmitu għax ħalla l-bieb miftuħ. Hekk kif ratu jittawwal indunat mill-ħmura ta' wiċċu li l-inbid kien għamel tiegħu. Mark ma' riedx iqum jagħlqu u qal lil martu biex tmur tagħlaq hi, iżda Katrina npikat miegħu u baqgħet fis-sodda.

Ħadd ma' ried iqum u għalhekk il-bieb baqa' miftuħ. Mark ħasibha aħjar u qal lil Katrina li l-ewwel wieħed li jgħid kelma, iqum u jagħlaq. It-tnejn qablu, iżda Katrina ma setgħetx tagħlaq għajn m'għajn. F'daqqa waħda tisma' bħal passi joqorbu lejn il-bieb u waqfu. Il-biża' ħakmitha imma kull darba tiftakar f'dak li kien propona Mark.

Dak li waqaf wara l-bieb kien il-gwardjan, li wara li żaqqu mtliet deherlu li aħjar imur id-dar. Hawn Pietru beda jsejjaħ lil Mark. Silenżju perfett. Mark sadattant qam ukoll, imma ftakar fl-imħatra u baqa' sieket. Pietru daħal, ra lill-koppja reqdin imma kienu qishom katavri. Pietru ħaseb li Mark kien qabdu ħass ħażin u dlonk mar iġib tazza ilma kiesaħ biex ixarrablu wiċċu. Malli Mark ħass l-ilma kiesaħ fuq wiċċu qam bilqiegħda b'nifsu maqtugħ u jgħajjat kemm jiflaħ.

Fil-pront, Katrina qamet u għajtet: "Rajtx kif tiegħi għaddiet. Issa ja sakranazz, qum u mur agħlaq il-bieb."